MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 2011

Rikors Numru. 38/2009

**Mario Zammit (ID 495250M)**
**Helen Violet Zammit (110648M)**

**vs**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illi huma ghandhom kif gew notifikati b'att gudizzjarju bid-data 8 ta' Lulju 2009 (kopja Dok A) fejn l-intimat offra lill-esponenti s-somma ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax il-centezmu (€6988.12) ghal xiri assolut tal-fond numru 34 Flat 3, Triq l-Irlandizi, Bormla;

Illi l-esponent mhumiex qeghdin jaccettaw din l-offerta u qeghdin jitolbu u jindikaw is-somma ta' sittax-il elf u

hames mitt Euro (€16,500) skond stima maghmula mill-Perit Tano Zammit, kopja annessa Dok B;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan il-Bord jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilhom u jaghti dawk id-direttivi kollha necessarji a tenur tal-Artiklu 22 tal-Kap 88;

Ra wkoll ir-risposta tad-Direttur tal-Artijiet

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 22 ta' Lulju 2009 fl-ismijiet hawn fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-kumpens offrut mill-awtorita kompetenti ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax il-centezmu (€6988.12) ghax-xiri assolut bahala liberu u frank tal-fond numru 34 Flat 3 Triq l-Irlandizi Bormla, u qeghdin jippretendu l-kumpens ghal dan il-fond ghandu jkun ta' sittax-il elf u hames mitt Euro (€16,500)

Illi l-esponent qieghed jibqa' jsostni li l-kumpens gust tal-fond fuq imsemmi huwa dak fuq citat, jigifieri l-ammont ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax il-centezmu (€6988.12) u dan skond l-istima tal-Perit Arkitett Carmen V. Sutton A&CE fl-Avviz numru 255 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Marzu 2005;

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jiffissa l-ammon ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax il-centezmu (€6988.12) bhala l-kumpens gust ghall-espropriazzjoni tal-fond fuq imsemmi;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra r-relazzjoni tal-periti membri;

Semgha lill-partijiet

Ikkonsidra:

Illi din hija kawza sabiex ikun determinat il-kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti ghall-espropriju ta' fond konsistenti fi flat fi Triq l-Irlandizi, Bormla, fejn il-Kummissarju tal-art offra s-somma ta' €6,988.12 u r-rikorrenti irrifjutaw l-istess ghaliex itennu li l-kumpens ghandu jkun ta' €16,500.00;

Ir-rikorrenti ibbazaw ir-rifjut taghhom u l-eventwali talba fuq il-parir tal-perit arkitett taghhom li xehed quddiem dan il-Bord u kkonferma il-valur minnu moghti ghal dan il-fond konsistenti f'tlieta u erbghin metru kwadru accessibbli direttament mit-triq u li ghandu potenzjal ghall-uzu kummercjali;

Illi f'din il-materja il-periti membri tal-Bord kienu unanimi fil-valutazzjoni taghhom meta fil-parti konklussiva tar-relazzjoni minnhom prezentata  li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza jghidu:

"Huma ikkunsidraw dan kollu u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-kumpens li ghandu jithallas ghax-xiri assolut tal-proprjeta' kif deskritta fid-dokumenti esebit, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' hmistax-il elf u hames mitt ewro (€15,500);

Il-partijiet irrimettew ruhhom ghal dan il-valur stabbilit mill-periti membri, liema kumpens jidher li huwa wiehed gust u ekwu u ghalhekk il-Bord qed  jilqa' t-talba tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond 34, Flat 3, fi Triq l-Irlandizi, Bormla, fil-valur ta' hmistax-il elf u hames mitt ewro (€15,500), oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------